# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Frar, 2001**

**Numru 2**

**Citaz. numru: 1426/91 NA**

**John Fenech**

**vs**

**Giovanni Falzon u Perit Oscar Caruana Montaldo**

**Artikolu 1181, 1120 u 1122 tal-Kodici Civili - Novazzjoni - Penali ghad-danni.**

**Il-penali hija l-kumpens tal-hsara li jbati l-kreditur minhabba n-nuqqas ta' ezekuzzjoni da parti tad-debitur. Il-Qorti tista' ttaffi din il-penali fil-kazijiet imsemmija fl-Artikolu 1122 tal-Kodici Civili .**

**M'hemmx novazzjoni fejn l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula izda biss mibdula.**

**Il-Qorti,**

B'citazzjoni prezentata fis-6 ta' Dicembru 1991 l-attur ippremetta li:

Illi l-attur kien gie nkarigat jaghmel xoghol ta' appalt konsistenti dan ix-xoghol fil-bini ta' hitan u konkoss f'Showroom, Triq Psaila, Birkirkara;

Illi l-attur esegwixxa l-appalt tieghu pero' l-konvenuti bla raguni qeghdin jirrifjutaw li jhallsu l-bilanc dovut lilu stante li kellu biss akkonti ta' Lm3,365;

Illi l-kontendenti kienu ftehmu fuq il-prezzijiet ta' dan ix-xoghol;

Illi interpellati biex ihallsu l-bilanc dovut baqghu inadempjenti.

L-attur talab lil din il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti ghadhom debituri tal-attur f'bilanc minn somma akbar li trid ghad tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti xoghol ta' appalt esegwit mill-attur;

2. Tillikwida s-somma dovuta jekk hemm bzonn tal-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dik is-somma hekk likwidata ai fini tat-tieni talba;

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-prezenti u l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti eccepew li:-

1. Preliminarjament l-intempestivita' ta' l-azzjoni stante illi meta giet intavolata l-kawza odjerna, l-attur kien ghadu ma baghtx il-kont finali tieghu li kien ilu li ntalab li jibghat zmien twil. Fil-fatt dan il-kont gie redatt f'Ottubru 1991 u gie mibghut lill-konvenut fil-mori tal-kawza u cioe' f'Dicembru 1991 (Ara kont Dok. B).

2. Illi minghajr pregudizzju wkoll, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi:

a) l-ammont dikjarat fid-dikjrazzjoni tieghu hija esagerata.

b) l-appalt ma giex esegwit skond il-kuntratt tas-7 ta' Novembru 1989.

3. l-attur ghandu jaghti lill-konvenuti is-somma ta' Lm3650 (tlett elef sitt mija u hamsin lira) bhala penali ghad-dewmien fl-esekuzzjoni tal-appalt.

Fid-dikjarazzjoni tal-fatti l-konvenuti esponew is-segwenti fatti:-

1. Illi huma qabdu lill-attur jezegwixxi xogholijiet ta' bini gebel u saqaf ta' tlett sulari f'proprieta' taghhom Psaila Street, Birkirkara skond il-kuntratt hawn anness (Dok. A).

2. Illi l-attur naqas milli jikkompleta x-xoghol fiz-zmien stipulat minkejja li kien gie diversi drabi interpellat ilesti fil-hin.

3. Illi l-konvenuti hallsu lill-attur diversi akkonti pero' dejjem sabuh reluttanti jkompli x-xoghol bir-ritmu necessarju.

4. Illi l-appalt ma giex kompletat skond is-sengha u l-arti u fil-fatt sallum mhux kompletat totalment.

5. Illi l-esponenti kienu talbu lill-attur jibghatilhom il-kont tieghu ghall-konsiderazzjoni taghhom hekk kif qal li kien

lesta x-xoghol. Dan ghamlu biss wara l-prezentata tac-citazzjoni odjerna.

6. Illi l-esponenti sofrew id-danni minhabba d-dewmien u nuqqasijiet ohra fl-esekuzzjoni tal-appalt, danni li qed jintalbu fir-rikonvenzjoni prezentata kontestwlament.

Il-konvenuti in via rikonvenzjonali pprezentaw is-segwenti talba kontra l-attur:-

Illi l-attur kien gie mqabbad mill-konvenuti ghall-kompletazzjoni tax-xoghol ta' bini fi Psaila Street, Birkirkara skond il-kuntratt esibit a Dok. A fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u,

Illi skond l-istes ftehim, l-attur obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' Lm10 kuljum bhala danni prelikwidati ghad-dewmien f'kaz li l-appalt ma jigix kompletat fi zmien ghaxar xhur, u,

Illi fil-fatt l-appalt gie kompletat sena wara t-terminu miftiehem u cioe' f'xi 7 ta' Settembru 1991, u,

Illi ghalhekk l-attur ghandu jaghti lill-konvenuti s-somma ta' Lm3650 jew somma verjuri likwidata minn din il-Qorti bhala penali ghad-dewmien fl-esekuzzjoni tal-appalt de quo, u,

Illi apparti dan, il-konvenuti sofrew danni minhabba nuqqas ta' esekuzzjoni tajba u skond is-sengha u l-arti min-naha tal-attur,

TALBU li din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-attur responsabbli ghall-esekuzzjoni tardiva tal-appalt u ghall-hlas ta' penali miftiehem fil-kuntratt tal-appalt tas-7 ta' Novembru 1989, kif ukoll ghad-danni sofferti mill-konvenut tort tal-esekuzzjoni hazina tal-istess appalt.

2. Tillikwida s-somma li hija dovuta mill-attur bhala penali fl-ammont ta' Lm3650 (tlett elef sitt mija u hamsin lira) kollox kif intqal fuq.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut minhabba fl-esekuzzjoni hazina u tardiva tal-appalt moghti lill-konvenut okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-attur ihallas il-penali likwidat skond it-tieni talba.

5. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti is-somma hekk likwidata in via ta' danni skond it-tielet talba, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri tal-10 ta' April, 14 ta' Mejju u tal-25 ta' Lulju 1990 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-attur li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Fin-**nota tal-eccezzjonijiet** tieghu ghall-kontro talba tal-konvenuti l-attur eccepixxa li:-

1. Illi l-ftehim imsemmi fil-kontrotalba ma baqax aktar validu stante li gie superat minnn ftehim bonarju iehor u in effetti l-pendenzi bejn il-kontendenti gew ezawriti u l-esponent ikkonkluda x-xoghol kollu.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri,

B'digriet tad-9 ta' Marzu 1992 ta' din il-Qorti diversament presjeduta gie nominat l-AIC David Pace bhala espert tekniku.

**Relazzjoni tal-Perit Tekniku l-A.I.C. David Pace**

Dwar l-eccezzjoni tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti li l-ftehim tas-7 ta' Novembru, 1989, ma baqax aktar validu stante li gie sorpassat minn ftehim bonarju iehor, il-perit tekniku fehem li l-attur kien qed jirreferi ghall-ftehim revizjonarju tas-26 ta' Ottubru, 1990, u kkonkluda li minhabba l-fatt li dan it-tieni ftehim kien sar minghajr l-ebda pregudizzju, il-kundizzjonijiet tal-ewwel ftehim kienu ghadhom applikabbli. Il-ftehim tas-26 ta' Ottubru, 1990, kien biss revizjoni tal-prezz tal-konkos u bl-ebda mod ma effetwa l-kundizzjonijiet tal-appalt iffirmat fis-7 ta' Novembru, 1989.  Il-perit tekniku qal li kieku l-partijiet riedu jirrexindu l-ewwel ftehim, dawn kienu jaghmluh b'mod car u inekwivoku sabiex juru li qeghdin jinhallu mill-obbligazzjonijiet tal-ewwel kuntratt ta' appalt.

Una volta stabbilit dan il-punt, il-perit tekniku ghadda biex jiddeciedi jekk id-dewmien fit-tlestija tax-xoghol kienx dovut

ghal xi inadempjenza da parti tal-attur. Wara li ezamina l-provi huwa wasal ghall-konkluzjoni li d-dewmien ma kienx attribwibbli lill-attur ghaliex sehhew kundizzjonijiet li rrendew l-appalt difficli li jinhadem b'ritmu sostenut u ghalhekk il-penali ghad-dewmien m'ghandux jigi applikat fil-konfront tal-attur.

Il-perit tekniku konsegwentement ikkonkluda li:-

1. L-eccezzjoni tal-attur dwar il-validita' tal-ftehim m'ghandhiex tigi milqugha;

2. It-talbiet tal-konvenuti in via rikonvenzjonali m'ghandhomx jigu milqugha stante li la gie pruvat it-tort tal-attur ghad-dewmien u lanqas ix-xoghol hazin;

3. It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti ma ghandhiex tintlaqa' stante li ma giex pruvat illi l-ammont dikjarat kien esagerat, kif ma giex ippruvat illi l-appalt ma giex esegwit skond il-kuntratt u li hemm penali dovuta;

4. Li t-talbiet attrici kellhom jintlaqghu u li konsegwentement il-konvenuti kellhom ihallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef, tlett mija u hames liri Maltin u erbgha u hamsin

centezmu u erbgha millezmi (Lm3305.54,4), bhala bilanc;

5. Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti tal-intempestivita' il-perit tekniku halla f'idejn il-Qorti.

**<u>Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Konvenuti Giovanni Falzon et</u>**

Il-konvenuti ma qablux mal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku u kkontendew li dawn il-konkluzjonijiet ma jsibux konfort mill-kumulu tal-provi mressqa miz-zewg nahat u dejjem skond il-konvenuti, il-perit tekniku naqas milli jaghti l-enfazi mixtieqa lil dawk il-provi l-aktar jitfghu dawl fuq l-inadempjenza tal-attur.

Dwar l-intempestivita' tal-azzjoni u l-hrug ta' kont finali il.-konvenuti jsostnu li sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni u cioe' 6 ta' Dicembru, 1991, l-attur kien ghadu ma bghatx il-kont finali lill-esponenti, liema kont intbaghat wara li gew istitwiti dawn il-proceduri. Dan il-fatt jirrizulta mhux biss mix-xhieda tas-surveyor Clement Azzopardi izda anki mill-korp stess tac-citazzjoni attrici li ma taghmel l-ebda riferenza ghall-

ammont determinat kif stabbilit fil-kont finali. Kwalunkwe obbligi ghall-pagament favur l-attur ma setghax jinbet hlief wara l-kejl u l-kont tax-xoghol kompletat jigi komunikat lil min ghandu jhallas u skond il-konvenuti dan huwa principju pacifiu li ma jhallix spazju ghal argumenti kuntrarji stante li kreditu favur artigjan jew persuna ohra li taghti servizz isir dovut mal-hrug ta' fattura jew kont mill-istess persuna.

Dwar il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku in kwantu jirrigwarda d-dewmien fl-esekuzzjoni tal-appalt da parti tal-attur, il-konvenuti ma jaqblux mal-istess perit tekniku li l-attur kien gustifikat jippreokkupa ruhu dwar il-pagament peress li hass li kien qed jiffinanzja l-progett hu. Il-konvenuti jsostnu li l-ftehim tas-7 ta' Novembru, 1989, kien jistabbilixi pagamenti ta' sebghin fil-mija (70%) tal-prezz tax-xogholijiet ta' kull sular komplut u huma hallsu dan il-persentagg meta gew prezentati bil-kont relattiv fl-ewwel stadju tax-xogholijiet u dan minkejja li x-xoghol ma kienx kollu komplut. Kontijiet ohra ma kienux intbaghtu, u anki kieku ntbaghtu, kien ikun hemm lok ghall-applikazzjoni tal-penali.

Meta l-attur waqaf mix-xogholijiet, il-konvenuti nterpellawh diversi drabi sabiex jissokta bix-xogholijiet minghajr telf ta'

zmien, izda dejjem skond il-konvenuti, huwa kien isib diversi skuzi sabiex jiggustifika l-assenza tieghu minn fuq il-lant tax-xoghol. L-attur irritorna ghax-xoghol meta l-perijodu ghall-kompletazzjoni kien diga ghadda u wara li ntbaghtu seba' ittri interpellatorji f''dan is-sens. Il-konvenuti ghalhekk isostnu li fil-kuntest ta' dawn l-isforzi min naha taghhom, liema sforzi waslu biex l-attur rega' beda x-xogholijiet wara li t-terminu ghall-appalt skada, m'ghandux ikun hemm dubbju dwar l-inadempjenza tal-attur. Kull meta l-attur issospenda x-xogholijiet, huwa ghamel dan ghal xhur shah, u ghalhekk progett li suppost kellu jitlesta f'ghaxar xhur dam biex tlesta wiehed u ghoxrin xahar.

Il-konvenuti jsostnu li l-ilmenti tal-attur fil-konfronti taghhom, liema lmenti huma ntizi sabiex jiggustifikaw id-dewmien tal-istess attur sabiex jespleta l-appalt fiz-zmien stipulat, huma ghal kollox infondati. Fil-ftehim ta' Novembru 1989, l-attur kien accetta espressament li jlesti l-appalt fi zmien ghaxar xhur salv l-impossibilita' li jghamel dan minhabba ragunijiet barra l-kontroll tieghu. Sabiex jeskulpa ruhu mir-responsabilita' ghad-dewmien, l-attur kellu juri li kwalunkwe nuqqas da parti tal-attur qeghdu f'posizzjoni ta' impossibilita' li jikkompleta x-xoghol fil-hin u li din l-impossibilita' originat minn

ragunijiet barra l-kontroll tieghu. Il-konvenuti jidrilhom li mill-provi ma jirrizultax li l-attur sab ruhu f'sitwazzjoni simili.

Fl-eccezzjonijiet tieghu ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti, l-attur ma jsemmi l-ebda wiehed mill-ilmenti li sussegwentement qajjem waqt il-gbir tal-provi sabiex jiggustifika d-dewmien u cioe' (i) li l-attur ma kellux perit sabiex jiggwidah fuq ix-xoghol; (ii) li ma kienx jithallas regolarment skond il-ftehim minhabba nuqqas ta' kejl min naha tal-esponenti; (iii) li l-bini ma kienx kopert bil-permessi tal-bini mehtiega u (iv) li l-esponenti f'xi okkazzjoni kien tah istruzzjonijiet biex ma jibnix hajt. L-eccezzjoni tal-attur ghall-kontrotalba tal-konvenuti hija fil-fatt li l-ftehim ta' appalt ta' Novembru 1989 kien gie rimpjazzat bi ftehim bonarju iehor u ghalhekk il-penali inkorporata fl-ewwel ftehim ma kienitx applikabbli. Il-konvenuti jissottomettu li gjaladarba l-eccezzjoni formali tal-attur ghall-kontrotalba taghhom tkopri biss din l-allegazzjoni tal-inapplikabilita' tal-ftehim tal-appalt originali, l-indagni tal-Qorti ghandha tieqaf sa dan il-punt u m'hemmx skop ghal ebda investigazzjonijiet ohra li johorgu barra mill-ambitu tal-eccezzjonijiet legali tal-attur.

Il-konvenuti jidrilhom li minhabba l-limitazzjonijiet legali tieghu, il-perit tekniku ma gharafx sew l-importanza tal-klawsola 4 tal-ftehim ta' appalt tal-4 ta' Novembru, 1989, u ghalhekk ma rrealizzax li l-ebda wiehed mill-aggravji sollevati mill-attur ma poggewh fl-impossibilita' li jesegwixxi l-inkarigu tieghu u zgur ma ggustifikawx id-dewmien esagerat ta' aktar minn sena miz-zmien miftiehem.

Il-konvenuti inoltre irrilevaw li fil-konteggi finali tieghu, il-perit tekniku naqas milli jiehu in konsiderazzjoni l-ammonti mhallsin minnhom u li gew erronjament inkluzi fil-kont finali preparat mill-attur, liema somma kienet tammonta ghal tlett mija u wiehed u ghoxrin liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm321.77) u kellha titnaqqas mill-kont tal-attur flimkien mal-penali applikabbli. Dejjem skond il-konvenuti, il-perit ma fehemx li l-'basement level' kien diga lest meta sar il-ftehim tas-7 ta' Novembru, 1989, u li l-attur kien diga thallas tieghu qabel din id-data u li ghalhekk il-ftehim ma setghax ikopri dan ix-xoghol meta l-istess xoghol kien lest u imhallas. Il-ftehim kien ghall-kostruzzjoni ta' erba' sulari eskluz il-'basement level'.

**Nota responsiva tal-attur**

L-attur irrimetta ruhu ghall-konkluzjonijiet peritali stante li rritjena li dawn kienu gusti u jimmeritaw konferma. Skond l-attur, il-perit tekniku ezamina x-xhieda bir-reqqa u l-konkluzjonijiet tieghu dwar id-dewmien fl-appalt huma tajbin. L-attur jghid li huwa rnexxielu jipprova fuq bazi ta' probabilita' li kien hemm tilwim kontinwu bejn il-konvenuti, nuqqas ta' direzzjoni minn perit inkarigat, nuqqas ta' pjanti, nuqqas ta' permessi skond il-ligi, indecizjoni da parti tal-konvenuti dwar kif kellu jsir ix-xoghol, kif ukoll irregolarita' fil-pagamenti dovuti lill-attur.

L-attur isostni li huwa kien qed jirreferi ghal dawn id-diffikultajiet meta fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontrotalba tal-konvenuti huwa semma' 'pendenzi bejn il-kontendenti'.  L-attur ghalhekk jirribatti li l-allegazzjoni tal-konvenuti fis-sens illi l-ewwel prezenta eccezzjoni u imbaghad meta ra li hija wahda nvalida biddel l-argomentazzjoni, bhala wahda invalida.  L-attur jghid li huwa ma biddel xejn mill-argumenti tieghu.

Dwar id-dewmien fl-esekuzzjoni tal-appalt da parti tieghu l-attur isemmi diversi incidenti li fixkluh fl-esekuzzjoni tal-imsemmi appalt, fosthom l-incident ammess mill-istess konvenuti, meta huma kitbu fuq il-hajt ta' appogg ma' bini ta' Peresso fis-sens li l-attur ma kellux imiss dak il-hajt ghaliex altrimenti ma kienx ser jithallas.

L-attur jigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghal dak rilevat mill-perit tekniku f'para. 40 tar-relazzjoni fejn il-konvenuti stess sostnew li kienu tal-fehma li l-attur meta jsib li f'sular ma setghax ikompli, huwa kellu jaqbad jahdem fuq is-sular ta' fuqu. Skond l-attur din hija ammissjoni da parti tal-konvenuti li fil-fatt kien hemm tfixkil u problemi fl-esekuzzjoni tal-appalt.

Dwar l-eccezzjoni ta' intempestivita' sollevata mill-konvenuti, l-attur jghid li huwa ma setghax jibghat il-kont finali ghaliex il-konvenuti oggezzjonaw li jsir il-kejl.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi jidher li hemm qbil bejn il-kontendenti li l-appalt mertu tal-kawza tlesta mill-attur sena wara d-data miftehma fil-ftehim tas-7 ta' Novembru, 1989. L-attur qed jitlob il-bilanc minn

somma akbar li talab li tigi likwidata minn din il-Qorti, rapprezentanti x-xoghol ta' appalt esegwit minnu. Il-konvenuti oltre l-intempestivita' tal-azzjoni attrici, eccepew li l-appalt ma giex esegwit skond il-kuntratt tas-7 ta' Novembru, 1989, stante d-dewmien hawn fuq imsemmi u fid-dawl ta' dan id-dewmien fl-esekuzzjoni tal-appalt da parti tal-attur qed jitolbu in via rikonvenzjonali il-kundanna tal-attur ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm3650.00) bhala penali ghal dan id-dewmien dejjem kif stipulat fil-ftehim tas-7 ta' Novembru, 1989.

Illi l-attur fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontrotalba tal-attur sostna li l-ftehim tas-7 ta' Novembru, 1989, ma kienx aktar validu stante li gie superat minn ftehim bonarju iehor. Nonostante li din l-eccezzjoni hija ta' natura legali, il-perit tekniku rrelata dwarha.  Il-Qorti taqbel illi l-ftehim tas-26 ta' Ottubru, 1990, kien biss intiz sabiex jirrevedi l-ftehim tas-7 ta' Novembru, 1989, u mhux sabiex jissostitwixxi jew jirrexxindi dan il-ftehim.  Fil-ftehim ma hemm ebda klawzola li tirrexindi l-obbligazzjonijiet assunti mill-partijiet u ma hemm xejn fid-dicitura tal-istess ftehim li tinduci wiehed jahseb li l-partijiet kellhom intenzjoni jaghmlu hekk.

Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-konvenuti li una volta li din kienet l-unika eccezzjoni sollevata mill-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti, u una volta li l-attur ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ghal dawn it-talbiet, il-Qorti ma tistax tiprosegwi sabiex tindaga dwar id-dewmien fl-esekuzzjoni tal-appalt da parti tal-attur u dan peress illi l-istess attur ma ressaq ebda eccezzjoni formali f'dan is-sens.

Effettivament in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti mehuda flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata tieghu tindika bhala fatt li kull pendenza bejn il-partijiet giet rizolta bil-ftehim il-gdid. Dan huwa fattwalment u legalment inkorrett peress illi l-ftehim il-gdid kien limitat fl-iskop tieghu u ma ssostitwiex il-ftehim l-antik. "*Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla.*" (Artikolu 1180 (1) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16). Dan pero' ma jfissirx illi l-konvenuti ma ghandhomx jippruvaw il-kontro-talba taghhom li trid ukoll tkun konformi mal-ligi fir-rigward ta' din il-materja - Fuq l-Obbligazzjonijiet bi klawsola penali.

Illi kif diga intqal aktar il-fuq, jidher li hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-fatt li l-appalt gie konkluz sena wara d-data miftehma bejn il-partijiet u ghalhekk ghandu japplika l-Artikolu 4 tal-ftehim tas-7 ta' Novembru, 1989,li jistabbilixxi penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) kuljum ghal kul gurnata ta' dewmien da parti tal-kuntrattur.

F'dan ir-rigward pero' l-Qorti trid taghmel zewg osservazzjonijiet li huma principalment ta' natura legali. It-tielet u l-hames talba rikonvenzjonali inkwantu jirrigwardaw it-tardivita' huma komprizi fit-tieni u fir-raba' talba peress illi l-kumpens ghall-hsara hija proprju l-penali li qed jesegi l-konvenut u dana kif stipulat fl-Artikolu 1120 (1) tal-Kodici Civili. L-ilment dwar il-kwalita' tax-xoghol jirrizulta li huwa lment infondat sew mir-rapport tekniku pero' wkoll mill-provi prodotti. Anke l-korrispondenza li giet skambjata qabel ma bdew dawn il-proceduri fejn il-partijiet dehru li setghu jaslu ghall-ftehim amikevoli kienet indirizzata unikament fir-rigward tad-dewmien u mhux tal-kwalita' tax-xoghol (ara per ezempju l-ittri tad-difensur tal-konvenuti a fol. 135 u 155 tal-process u l-ittri interpellatorji w ufficjali a fol. 19, 20 u 21) u li ghalhekk il-Qorti trid ta' bilfors tasal ghall-konkluzzjoni li l-parti tax-xoghol

li effettivament gie esegwit gie espressament accettat mill-konvenuti (kieku wkoll ma kienx ikun hemm l-insistenza taghhom li dan ix-xoghol jigi kompletat). A tenur ghalhekk ta' l-Artikolu 1122 ta' l-istess Kodici Civili l-Qorti ghandha diskrezzjoni tnaqqas jew ittaffi l-istess penali.

Il-Qorti kkonsidrat dawn il-fatturi kollha. Ikkunsidrat ukoll (u dan nonostante illi kwalunkwe tentattiv ghal soluzzjoni bonarja dejjem isir minghajr pregudizzju) ittra mibghutha mill-konsulent legali ta' l-attur lil dak tal-konvenut, mhux datata, pero' li nkitbet bejn Gunju u Settembru tal-1990 fejn gie propost: "*Nahseb li wasal iz-zmien li wiehed jikkonsidra serjament ix-xoljiment ta' l-appalt in kwistjoni*" u aktar tard "*il-klient tieghi jipproponi illi minflok jiehu s-somma kollha dovuta jiehu Lm300 u qiesu qatt ma kien hemm xejn bejnietkom*". Din l-ittra turi l-animu ta' l-attur fic-cirkostanzi attwali ta' meta t-tilwima kienet f'waqtha.

Dawn ic-cirkostanzi kollha jwasslu lill-Qorti biex:

**A.** Tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenuti ghandhom bilanc minn somma akbar li trid tigi likwidata minn din il-Qorti rapprezentanti xoghol ta' appalt ezegwit mill-attur;

2. tillikwida s-somma hekk dovuta fl-ammont ta' tlett elef tlett mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm3365);

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dik is-somma hekk likwidata skond it-tieni talba.

**B.**

1. tichad l-ewwel eccezzjoni. Jidher car mid-dokumenti esebiti illi l-partijiet ma kienux waslu ghal ftehim bonarju minkejja diversi tentattivi u ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, ic-citazzjoni odjerna kienet l-unika procedura li kien fadallu l-attur biex l-ammont lilu dovut jigi likwidat;

2. tichad it-tieni eccezzjoni (a) u (b); tirriserva li tipprovdi dwar l-eccezzjoni 2 (c) fil-kontro-talba.

**C.** Fir-rigward tal-kontro-talba in via rikonvenzjonali maghmulha mill-konvenuti l-Qorti fl-ewwel lok tichad l-

eccezzjonijiet ta' l-attur ghal din it-talba ghar-ragunijiet fuq moghtija. Fit-tieni lok:

1. tilqa' invece l-ewwel talba limitatament ghall-penali u tiddikjara lill-attur responsabbli ghall-ezekuzzjoni tardiva ta' l-appalt u ghall-hlas ta' penali miftiehem fil-kuntratt ta' l-appalt tas-7 ta' Novembru 1989 pero' mhux ghal danni ohra sofferti mill-konvenut;

2. tillikwida s-somma dovuta fl-ammont ta' Lm1220 u dana a tenur ta' l-Artikolu 1122 (2) tal-Kodici Civili skond, fil-kalkolu tal-Qorti, il-proporzjon tal-parti ta' l-obbligazzjoni li baqghet ma gietx esegwita;

3. tichad it-tielet talba;

4. tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut il-penali likwidata skond it-tieni talba;

5. ghar-ragunijiet gia' moghtija tichad ukoll il-hames talba.

Konsiderat il-meritu w il-punti ta' dritt involuti l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn l-istess partijiet.

Fir-rigward ta' l-imghax dawk dovuti fuq it-talba originali lill-attur ghandhom jiddekorru mil-lum, invece dawk dovuti lill-konvenuti bhala penali fuq it-talba rikonvenzjonali taghhom ghandhom jiddekorru minn notifika ta' l-istess kontro-talba.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.